# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.7/4.8

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.7/4.8: Ġesù jżur lil Marta u Marija**

(din il-lezzjoni tista' tinqasam fuq żewġ lezzjonijiet.)

**L-Għanijiet:**



**Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:**

1. jisimgħu u jaraw l-istorja ta' Marta u Marija.
2. jitgħallmu kif Marta kienet mara li taħdem ħafna u Marija kienet tag]ti importanza lill-kliem ta' Ġesù.
3. jifhmu l-importanza li nqattgħu ftit ħin nitkellmu ma' Ġesù permezz tat-talb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Video minn You Tube - http://www.youtube.com/watch?v=C91ygWW2u0U
- Worksheet 4.3 – Ġesù jżur lil Marta u Marija
- Karta Addizzjonali b'għażla: Karta b'par saqajn – Ġesù jridna ngħaddu l-ħin miegħu.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistsaqsi lit-tfal x'jagħmlu meta jistiednu lil xi ħadd id-dar. Staqsihom: Kif tippreparaw lilhom infuskom u d-dar? X'tagħmlu meta jaslu l-mistednin?
- Spjega li hemm ħafna affarijiet li jkunu jridu jiġu ppreparati meta jkollna xi mistednin.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega li matul din il-lezzjoni ser nisimgħu u naraw storja dwar żewġt aħwa Marija u Marta li stiednu lil ħabib speċjali tagħhom id-dar. Waqt li dan il-ħabib speċjali mar iżurhom id-dar, Marta tgħallmet lezzjoni speċjali ħafna.
2. Uri l-vidjow lit-tfal u wara spjega ftit u saqsi xi mistoqsijiet lit-tfal sabiex tkun ċerta li fiehmu dak li raw u semgħu.



3. Wara staqsi xi mistoqsijiet bħal:
    a. X'jisimhom l-aħwa? Min qagħad jisma' lil Ġesù? (Marija).
    b. Min kien aktar moħħu fit-tindif tad-dar u warrab lil Ġesu'? (Marta).
    c. Marta kienet qed tagħmel ħażin tagħmel il-bżonnijiet fid-dar fl-istess ħin li kien hemm Ġesu'? Ara biex joħorġu t-tfal!
    d. Min għamel l-aħjar? Marta jew Marija? (Marija għax kienet qed tiddedika l-ħin lil Ġesù).
    e. Kieku int min tkun? Marta jew Marija? Għaliex?

4. Spjega li ser tqassam par saqajn li jissimbolizzaw saqajn Ġesù. Spjega li Marija qagħdet bil-qiegħda ħdejn Ġesù sabiex tisma' dak li kellu x'jgħidilha sabiex issir bħalu – tixbhu. Marta ma kinetx qrib Ġesù għalhekk kienet inkwetata u ma kinetx taf x'ser tagħmel. Kienet qed titlef dak li Ġesù kien qed jgħid lil Marija. Il-Karta Addizzjonali (li issir b'għażla) tinħadem billi t-tfal ipinġuha u jaqtgħu madwar ir-riġlejn. Tista' tintuża bħala *bookmark*.

5. Spjega li meta nsibu lilna nfusna weħidna u nkwetati għandna dejjem induru lejn Ġesù sabiex jgħinna. Għalhekk, għandna dejjem nqattgħu ftit ħin ma' Ġesù sabiex naraw x'irid jgħidilna u jiggwidana billi nitolbu u nitkellmu miegħu ta' spiss.

6. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.3 u bħala klassi ddiskuti Attività 1, ħalli lit-tfal jispiċċaw bir-risposta t-tajba.

7. Aqra Attivita 2 u ddiskuti liema sentenza għandha tinkiteb għax hija t-tajba.

8. Iddiskuti Attività Sam u Tara. Iddiskuti kemm għandna niftakru f'Ġesù kuljum f'kull ħaġa li nagħmlu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Għandna dejjem nsibu ħin biex nitkellmu ma' Ġesù sabiex inkunu qrib tiegħu.

2. Ġesù jridna li nqattgħu aktar ħin nitkellmu miegħu.

3. Li nitolbu u nitkellmu ma' Ġesù huwa aktar importanti minn affarijiet oħra.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal jiftakru fil-Mulej spiss matul il-ħin tal-ġurnata.
2. It-tfal jrabbu fihom drawwa sabiħa ħafna li jitkellmu aktar ma' Ġesù mhux biss meta jkunu nkwetati jew imbeżżgħin imma anke met ajħossuhom tajbin u ferħanin.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Bħala konklużjonin tal-lezzjoni tista' titkanta din il-kanzunetta fuq il-mużika ta' London Bridge.



*Ġesù ġie jżur xi ħbieb,*

*jżur xi ħbieb, jżur xi ħbieb,*

*Ġesù ġie jżur xi ħbieb,*

*Kemm kienu ferħana!*

*Marta sajret kejk tajjeb,*

*Kejk tajjeb, kejk tajjeb,*

*Marta sajret kejk tajjeb,*

*Għal Ġesù biss!*

*Marija qagħdet tisma' lil Ġesù,*

*lil Ġesù, lil Ġesù,*

*Marija qagħdet tisma' lil Ġesù,*

*Lil Ġesù biss!*

## Nitolbu

Għażiż Ġesù, għinni sabiex niftakar li inti l-aktar persuna importanti f'ħajti. Tħallinix ninsa lilek u nagħti aktar importanza lil affarijiet oħra.

Ammen.

